## QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

**ONOR. IMHALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum l-Erbgha 15 ta' Dicembru 2021**

**Kawza Nru.**

Fl-atti tar-rikors Numru **70/2020ISB** fl-ismijiet :

**Nassell Aviation Ltd (C69055)**

Vs

**X**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li permezz tieghu l-kumpannija **Nassell Aviation Ltd (C69055)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' frar 2021, u fejn kien ordnat l-istralc taghha.

Rat l-atti kollha tal-procediment ta` stralc, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mghoddija minn zmien ghal zmien mir-ricevitur ufficjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti mizmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnhu mhejjija u ppresentati;

Rat l-ahhar rapport minnhu mhejji minn fejn jirrizulta illi l-attiv tal-kumpannija xjolta kif irnexxielu jigbor u jirkupra l-istess ricevitur ufficjali jammonta ghal total ta' erba' mija u tmenin Euro (EUR480.00);

Rat illi l-istess stralcarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnhu mhejji u kif dikjarat fin-nota tieghu tat-2 ta' Novembru 2021 jkun approvat ghal finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni, anke jekk in vista tad-digriet moghti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess ricevitur ufficjali jirrizulta illi lanqas biex jithallas hu ma hemm bizzejjed;

Tiddikjara ruhha sodisfatta li l-istralcjarju osserva l-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naha tal-istralcarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tieghu skond il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar ragjonevolment x'isir u b'hekk jista' jinghata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi, qed tghaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpannija Nassell Aviation Ltd (C69055) kif dikjarat fin-nota tar-Ricevitur Ufficjali tat-2 ta' Novembru 2021, inkluz mill-hlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat aktar kmieni llum f'dawn l-istess proceduri.

2. **Tehles** lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

3. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija Nassell Aviation Ltd (C69055) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat' ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Nassell Aviation Ltd (C69055).

6. **Tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dik l-ordni.

**Onor. Imhallef Dr Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**